MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 627/2006/1

**Horace Balzan Falzon Wintrup**

**v.**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti**:

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell dwar kollizjoni bejn vettura u mutur li fih wegga' l-attur. Is-sentenza appellata nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-17 ta' April 2008. L-appell tal-

attur Horace Balzan Falzon Wintrup gie ntavolat nhar is-6 ta’ Mejju 2008. Ir-risposta giet prezentata nhar is-26 ta’ Mejju 2008. L-appell instema’ fil-15 ta’ Marzu 2010, meta thalla ghas-sentenza. Ghall-ahjar intendiment tal-odjerna sentenza qed tigi riprodotta il-parti relevanti tas-sentenza appellata. Dik is-sentenza tghid hekk:

“**Il-Qorti:**

“**A. RIKORS**:

“Rat ir-rikors ta’ Horace Balzan Falzon Wintrup li bih espona:

“Illi r-rikorrenti Horace Balzan Falzon Wintrup kien qieghed isuq mutur ta’ ghamla Honda 600 bin-numru ta’ registrazzjoni CBG-717 fi Xatt ta’ Pinto gewwa l-Furjana, ghall-habta tas-1.30 pm, fis-16 ta’ Lulju 2004 u sehh incident stradali meta l-intimat, Joseph Attard, li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla ***Hyundai Pony***, bin-numru ta’ registrazzjoni HAA-391, ghamel manuvra inadatta u perikoluza, minghajr ma ha d-dovuti kawteli ghall-vetturi l-ohra hareg minn ***side street*** ghal go ***main street***, u bhala konsegwenza ikkawza l-imsemmi incident stradali.

“Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, impridenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat illi ghamel manuvra inadatta u perikoluza, minghajr ma ha d-dovuti kawteli.

“Illi rizultat ta’ dan l-incident stradali r-rikorrenti safa imwegga’ gravament u ser jibqa’ permanentement disabilitat, oltre d-danni materjali sofferti.

“Illi l-intimat bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu ikkagunati kif imfisser u b’hekk kellu jsir dan ir-rikors guramentat.

“Ir-rikorrent talab lil-Qorti:

“1. Tikkundanna lill-intimat responsabbli ghall-incident stradali li sehh fix-Xatt ta’ Pinto gewwa l-Furjana, ghall-habta tas-1.30 pm, fis-16 ta’ Lulju 2004 u ghad-danni li b’rizultat ta’ l-istess sofra r-rikorrenti.

“2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

“3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta’ danni, kif imfisser.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Lulju 2006 mahruga kontra l-assikurazzjoni ta’ l-intimat u bl-imghax skond il-ligi kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

“Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mirrikorrent.

**B. RISPOSTA** :

“Rat ir-risposta ta’ Joseph Attard li biha espona:

“1. Illi huwa jaqbel mal-kontenut tal-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, pero` dan ghal dak li jirrigwarda l-fatt li gara l-incident meritu ta’ din il-kawza, u mhux ukoll ghal dak li jirrigwarda l-htija jew responsabbilita` ghal dak l-incident.

“2. Illi l-intimat jemmen, ghal kuntrarju tar-rikorrent, illi l-incident gara minhabba sewqan traskurat u eccessiv da parti tal-istess rikorrenti, illi fil-mument illi gara l-incident wettaq manuvra minnha nnifsha azzardata u riskjuza li jmur jissorpassa vettura (dik CPC 123) illi kienet waqfet proprju sabiex taghti opportunita` lill-intimat johrog minn got-triq sekondarja ghal dik principali. Mhux talli hekk biss, izda r-rikorrenti mar jezegwixxi dak is-sorpass billi mar fuq l-estrem tal-lemin tat-triq li matulha kien qieghed jivvjagga huwa. Per konsegwenza, meta huwa kien gja wasal biex jidhol fil-karreggjata tieghu, l-intimat sab il-mutur gej faccata tieghu, f’mument meta ma kienx possibbli ghalih

illi jwettaq xi manuvra evaziva, u dan wara li, meta gie biex johrog mit-triq sekondarja kien impossibbli ghall-intimat illi jirravviza l-mutur gej minn wara l-vetturi l-ohra li kienu gejjin minn Valletta.

“3. Illi l-intimat jaqbel mal-fatt illi r-rikorrenti wegga’ gravament, u sofra danni materjali ohra ben intiz illi r-responsabbilita` ghal dawn il-feriti u danni ghandha tigi allokata lir-rikorrenti u lil hadd aktar.

“4. Illi kien ghal dawn ir-ragunijiet li l-intimat, u l-kumpanija assikuratrici tieghu rrifjutaw li jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni.

“5. Illi ghalhekk ukoll il-hames paragrafu mhux korrett.

“6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-kawza qieghdha tigi kontestata, u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

“Rat il-lista ta’ xhieda prezentata mill-intimat.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat:

*-- omissis --*

“**D. KUNSIDERAZZJONIJIET**:

“**D1. *Dinamika ta’ l-incident***

“L-ewwel aspett li din il-Qorti trid tikkunsidra huwa dak tar-responsabbilta` ta’ l-incident u cioe` jekk l-incident sarx htija esklussiva tar-rikorrent jew ta’ l-intimat jew ikkontribwewx iz-zewg partijiet ghaliha. Ir-rikorrent isostni li l-intimat baqa’ hiereg mill-entratura laterali ta’ l-istabbiliment ***Miracle Foods*** ghal gewwa t-triq principali

minghajr id-debiti kawteli stradali u li din kienet il-kawza ta' l-incident. Ir-rikorrent sostna li hu baqa' fuq il-karreggjata tieghu izda mbaghad sab lill-vettura HAA391 ma' wiccu u b'hekk sar l-incident u sostna li ghalhekk dan huwa kaz ta' vettura li harget fuq triq principali minghajr ma ttiehdu lprekawzjonijiet necessarji.

"Ghall-kuntrarju l-intimat isostni li l-vettura CPC123 waqfitlu biex jghaddi, qasam il-karreggjata tat-traffiku sejra fid-direzzjoni tal-Belt Valletta u kien gja dahal in parte fil-karreggjata li taghti fid-direzzjoni tal-Marsa meta ra l-mutur misjuq mir-rikorrent b'certu velocita` li kien ghaddej ***wrong side*** ghax kien qieghed jissorpassa numru ta' vetturi weqfin. Kawza tal-velocita` eccessiva is-sewwieq tal-mutur tilef il-kontroll, skiddja u spicca biex habat mal-vettura misjuqa mill-intimat. Hemm l-iskizz ***to scale*** a fol 13 tal-process li minnu jirrizulta li l-vetturi habtu fil-karreggjata li taghti fid-direzzjoni tal-Marsa. Jirrizulta li t-triq hija wiesgha 12-il metru oltre l-bankina u li l-gemb tal-lemin tal-vettura CPC123 huwa mbieghed aktar minn 4.5 metri. B'hekk jirrizulta li l-***point of impact*** huwa oltra 1.8 metri mill-linja medjana tat-triq.

"Jigi osservat ukoll li il-mutur tar-rikorrent jinsab biss 4 metri 'l boghod mit-triq fil-karreggjata l-ohra tat-triq u cioe` dik li tmur lejn il-Marsa b'mod li juri car li l-mutur kien qieghed jinvadi l-karreggjata opposta b'zewg metri, u li l-vettura ta' l-intimat kienet gja dahlet b'zewg metri f'din it-triq.

"Il-Qorti tosserva li s-Surgent li ipprepara l-iskizz, P.S. 57 R. Caruana kien preciz hafna fil-kejlijiet ghax ivverifikat hi stess u sabet il-kejlijiet fuq ix-xellug kollha veritjieri.

"Illi ghalhekk jirrizulta car li dak li xehed ir-rikorrent li sab triq vojta quddiemu fuq in-naha tieghu tat-triq mhux veritjiet. Il-vettura CPC123 kienet ghadha ma gibditx 'il gewwa fuq ix-xellug u l-mutur mar ***wrong side*** biex jaghmel is-sorpass.

"Irrizulta wkoll lill-Qorti mill-mod dettaljat ta' kif xehed l-intimat l isemma d-dettalji preciz qabel il-habta b'mod li jidher car li l-intimat kien attent f'dak li qed jaghmel.

"Il-fatt l-mutur skiddja qabel l-impatt juri li kien propju r-rikorrent li ma kellux il-kontroll sufficjenti tal-vettura.

"**D2. *Main road user u side road user***

"Is-sewwieq li johrog minn ***side road*** ghal triq principali ghandu jiehu hsieb li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali. Ara f'dan is-sens: **Stagno Navarra vs Saliba et**, Appell 27/11/61 – XLV.i.389; Montebello vs Gatt, Appell 19/08/66 – L.i.296; **Pulizija vs Galdes**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1108; **Pulizija vs George Buttigieg**, Appell Kriminali 30/03/63 – XLVII.iv.1198; **Pulizija vs Anthony Galea**, Appell Kriminali 30/05/53 – XXXVII.iv.1137.

"Minn dawn is-sentenzi johrog car l-obbligu ta' min johrog minn ***side road*** li jesplora tajjeb it-triq qabel ma johrog, li jwaqqaf biex jaccerta ruhu minn dan u li jzomm il-***proper lookout***. Min hiereg ghandu jieqaf ghal kollox sakem jaccerta ruhu li t-triq hija libera (ara **John Farrugia vs Edmond Camilleri**, Appell Civili Inferjuri 09/05/07; u **Pulizija vs John Gregory**, Appell Kriminali 28/09/63). Jinghad ukoll li tali responsabbilta` tizdied fil-kaz ta' min johrog minn entratura jew uxxita li mhix ***side road*** propja minhabba li utent tat-triq principali hu fil-pozizzjoni li jipprevedi li tista' tohrog vettura izda din il-previsjoni tonqos sostanzjalment f'kaz ta' semplici entratura.

"Il-Qorti tosserva wkoll li l-***main road user*** mhux il-***main road abuser*** (ara **Stagno Navarra vs Saliba** fuq imsemmija). Infatti l-***main road user*** ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent u li jzomm hu wkoll il-***proper lookout*** (ara f'dan is-sens **Montebello vs Gatt** fuq imsemmija). Dawn huma fatturi importanti meta jittiehdu wkoll il-velocita` ta' vettura, kundizzjonijiet tat-triq, dwal u jekk wiehed jaqbisx il-karreggjata tieghu. Bl-istess mod min ghandu r-***right of way*** m'ghandux jisforza

indebitament dan id-dritt tieghu (ara **Pulizija vs George Buttigieg** fuq imsemmija).

“Fil-kaz in ezami l-intimat hareg mill-entratura tal-***Miracle Foods*** wara li waqfet il-vettura CPC123 u pproceda biex jaqsam in-nofs tat-triq u kien dahal fil-karreggajat l-ohra b’zewg metri meta sartet l-kollizjoni, u dan fil-mument li r-rikorrent kien qieghed jissorpassa vetturi.

“**D3. *Proper lookout***

“Ir-rikorrent isostni li l-intimat naqas li jzomm il-***proper lookout*** u dan meta halla lid-***driver*** tal-vettura CPC123 ossija Philip Vella jaghmel dan ghalih. Ir-rikorrent isostni li l-intimat m’ghandux jehles mir-responsabbilta` minhabba l-agir tal-vettura l-ohra. L-obbligu dejjem jibqa’ ta’ min ikun qed isuq li jzomm ***a proper lookout***. Ir-rikorrent irrefera ghall-kawza **Fabri vs Attard**, Qorti tal-Magistrati, 28/05/01 fejn jinghad li l-intimat ma jistax isib konfort fil-fatt li s-sewwieq tat-Transit ghamillu sinjal biex johrog. Il-Qorti certament taqbel ma’ din il-linja. In-nozzjoni tal-***proper lookout*** tirrizulta cara mill-kawzi **Dr. Zammit Pace noe vs Catania**, 26/11/87 – LXXI.iii.722; **Bonello vs Fsadni**, Appell Civili 11/03/98; u **Fenech vs Bajada**, 13/01/88. L-istess kuncett tal-***proper lookout*** jinsab imsahhah ukoll mill-gurisprudenza anke f’sede penali (ara **Pulizija vs Jason Delia**, Appell Kriminali 19/09/06). Il-kuncett tal-***proper lookout*** jinkludi “*awareness of what is happening in one’s immediate vicinity … have a view of the whole road … the pavements on the side of the road as well*” (fil-kawza tal-Qorti Ingliza **Newhaus N. D. vs Bastion Insurance Co Ltd** [1968]). Izda l-Qorti ma thossx li tista’ tghid li kien l-intimat li ma zammx ***a proper lookout*** ghax infatti dan hareg biss mill-parti tieghu tat-triq wara li waqfet il-vettura l-ohra u cioe` CPC123 u kien dahal ukoll fil-karreggjata li tiehu lejn il-Marsa f’distanza ta’ zewg metri fil-parti ta’ quddiem tal-vettura tieghu. Izda r-rikorrent irrizulta li kien dahal fil-karreggjata tan-naha l-ohra b’mod li rrenda ruhu ***main road abuser*** u kien propju hu li ma zammx il-***proper lookout***. Il-fatt li semmiet l-abbli difensur tar-rikorrent li l-mutur ma kellu ebda ostakolu quddiemu u li ghalhekk ma kellux ghalfejn jinvadi l-karreggjata opposta

bhala stat ta’ fatt ma jirrizultax. Il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina l-fatti li jrrizultaw quddiemha u fl-iskizz maghmul a skala jirrizulta li l-impatt sar fin-naha l-ohra tal-karreggjata.

“**E. KONKLUZJONIJIET**:

“Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-kawza ta’ l-incident kien il-fatt li r-rikorrent mar fin-naha l-hazina tat-triq u kien ghaddej b’certu velocita` jaghmel sorpass meta l-intimat kien hiereg veru minn entrata fuq it-triq principali izda wara li t-traffiku fuq in-naha tieghu tat-triq kien wieqaf b’mod li kienu qed jistennewh johrog mit-triq. Il-***main road user*** ma jista’ qatt isir il-***main road abuser*** kif fil-fatt ghamel ir-rikorrent.

“Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat li l-incident gara minhabba sewqan traskurat u eccessiv da parti tar-rikorrent billi l-istess rikorrent wettaq manuvra azzardata u riskjuza.

“Stante li l-Qorti laqghet din l-eccezzjoni u ghalhekk iddikjarat li l-intimat mhux responsabbli ghall-incident mhux il-kaz li jigu ezaminati t-talbiet l-ohra.

“Spejjez kontra r-rikorrent.”

**L-appell**

**2.** L-aggravji tal-attur kontra din is-sentenza jirrigwardaw “*.. il-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tghatx interpretazzjoni korretta ta’ l-istat ta’ dritt li kellu jkun applikat ghall-fattispecje tal-incident awtomobilistiku de quo u ghal apprezzament zbilancjat, minnha maghmul, tal-fatti tal-kaz. Bhala korollarju ta’ dan, l-Ewwel Onorabbli qorti kkonkludiet erroneamnet li l-incident gara unikament tort ta’ l-attur, issa appellant.*”

It-talba tal-appellant hija s-segwenti:

"...*r-rikorrent appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha processwali u senjatament ghan-Nota ta' Osservazzjonijiet minnu prezentata, u anke filwaqt li jirrizerva d-dritt li jgib provi u xhieda ulterjuri skond il-Ligi permessi f'dan l-istadju, jitlob li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tilqa' dan l-appella u ghalhekk thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija fis-17 ta' April 2008 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Horace Balzan Falzon Wintrup vs. Joseph Attard" minflok tilqa' t-talbiet attrici hekk kif dedotti fl-att promotur ta' dawn l-odjerni proceduri u tiddikjara u tiddeciedi illi l-unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' dan il-kaz kien il-konvenut, issa appellat, Joseph Attard, u konsegwentement tghaddi sabiex tillikwida d-danni hekk kif mitluba u sofferti mill-appellant u tikkundanna l-appellat ihallas l-istess lill-appellant; bl-ispejjez, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti a karigu ta' l-istess konvenut, issa appellat*."

**3.** Fir-risposta ghall-appell, il-konvenut isostni li "... *l-appell odjern huwa totalment infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandu jigi respint, bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellant*."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**4.** Din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-qorti tal-prim istanza, izda tiddisturbaha meta jkun hemm ragunijiet validi li jindikaw li ghandu jsir hekk[1]. Din il-Qorti taghmel ezami approfondit tal-provi u tal-ligi applikabbli, u jekk tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti ma setghetx, legalment jew ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha, allura, iva, tintervjeni u tiddisturba dik id-diskrezzjoni. Fil-kaz in dizamina, il-Qorti tal-prim istanza kellha fl-ewwel lok tiddecidi kemm dwar min mill-kontendenti kien responsabbli ghall-incident *de quo* u, f'kaz li t-tnejn kienu b'xi mod responsabbli, il-grad ta' responsabbilta` ta'

[1] **Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil et**, Qorti ta' l-Appell deciza 10 ta' Jannar 1995

wiehed u tal-iehor. Fis-sentenza appellata taht it-titolu li jittratta dwar id-dinamika tal-incident, l-ewwel Qorti kkunsiderat "*jekk l-incident sarx htija esklussiva tar-rikorrent jew ta' l-intimat jew ikkontribwewx iz-zewg partijiet ghaliha*." L-ewwel Qorti tat attenzzjoni ghal dak li xehdu l-partijiet u x-xiehda u provi ohra (b'mod partikolari li skizz li jinsab a fol. 13 tal-process) prodotti. Fir-rigward tar-rikorrent, ossia attur, (issa l-appellant), l-ewwel Qorti, hi u tistrieh fuq il-provi kif prodotti, ma emmnitx lir-rikorrent meta qal li sab it-triq quddiemu vojta. Hija osservat li "*il-vettura CPC123 kienet ghadha ma gibditx 'il gewwa lejn ix-xellug u l-mutur mar **wrong side** biex jaghmel is-sorpass.*" Fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jilmenta li "*l-Ewwel Onorabbli Qorti meta ppronunzjat ruhha fuq ir-responsabbilità unika ta' l-attur, issa appellant, qieset esklussivament il-prova li tindika dak li kien hemm fuq il-post **wara l-kollizzjoni u mhux waqt**.*" L-appellat fir-risposta tieghu wiegeb li l-ewwel Qorti "*ma strahitx **biss** fuq il-kejl rizultanti mill-iskizz tal-Pulizija sabiex waslet ghall-konkluzjoni illi kien ir-rikorrenti s-sewwieq responsabbli ghall-incident. Il-Qorti strahet iva fuq dawn il-kejliet illi del resto jirrizulta illi huma precizi hafna wara li gew verifikati mill-Qorti stess. Imma abbinat ma' dan il-kejl hemm ukoll il-fatt, inkontestat u inkontestabbli, illi ir-rikorrenti skiddja bil-mutur tieghu **qabel** ma habat mal-vettura misjuqa mill-esponenti*."

**5.** F'dan il-kuntest dwar is-sinifikat u l-utilità tal-iskizz, din il-Qorti tirreferi u tirrijafferma dak li kienet osservat "per modum regulae" li:

"*L-iskizzi li jigu preparati mill-Pulizija tat-traffiku in segwitu ghal incidenti stradali simili, u li huma ferm utli ghall-awtorità gudizzjarja eventwalment investita bil-kaz, ghandhom ikunu limitati ghal dak li "actu" jista' jigi konstatat "de visu" meta l-Pulizija tmur fuq il-post tal-incident cjoè pozizzjoni tal-karrozzi, tracci ta' brakes u/jew ta' skidding, stat tat-triq, mizurazzjonijiet, okkorrendo, topografija tal-lokalità, indikazzjoni ta' xi gradjent fit-trieq, pozizzjoni tal-hsara tal-karrozzi, u affarijiet simili, immedjatament u attwalment konstatabbli; imma ma ghandhomx jikkomprendu r-rapprezentazzjoni grafika ta'*

*rikostruzzjoni teorika tal-incident; ghax din l-ahhar tista' tippregudika l-"locus standi" guridiku tal-persuni nvoluti u tista' anki tinvadi l-isfera tal-awtorità gudizzjarja*."[2]

**6.** Din il-Qorti sejra tezamina l-provi b'certa reqqa u sejra tapplika r-regola hawn fuq citata meta tigi biex tikkonsidra u tizen il-kwadru tal-provi tal-kaz in dizamina.

**7.** Issa, hija prassi prevalenti -- ghalkemm wahda li giet kastigata bhala perikoluza hafna minn din il-Qorti, diversament komposta[3] -- li meta t-traffiku jkun miexi bil-mod jew ikun wieqaf, il-mutur meta mqabbel ma' vettura hu izghar u idjaq fid-daqs tieghu u ghalhekk ghandu l-vantagg li jista' jibqa' ghaddej fi triqtu minn bejn il-vetturi li jkollu quddiemu. Izda, l-grad ta' responsabbiltà tas-sewwieq ta' mutur hu ferm ghola minn dak ta' sewwieqa ohra. Biex igawdi l-vantagg li jista' jimmanuvra bejn il-vetturi li jsib fil-karreggjata tieghu, irid joqghod attent hafna u jiehu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega, irid jaghti kaz tas-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-triq u jobdi r-regolamenti tat-traffiku. Il-paragrafu 74 tar-"Rules for Motorcyclists" tal-Highway Code[4] jipprovdi li:

"*You should be aware of what is behind you and to the sides before manoevring. Look behind you; use the fitted mirrors. <u>When overtaking traffic queues look out for pedestrians crossing between vehicles and vehicles emerging from junctions</u>.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

---

[2] **Il-Pulizija v. Lawrence Callus**, Appelli Kriminali deciza 29 ta' Settembru 1962, per Imhallef W. Harding.

[3] **Raymond Azzopardi v. Denise Buhagiar**, Qorti tal-Appell, 16 ta' Dicembru 2004: "Meta si tratta ta' karreggjata wahda fl-istess direzzjoni, bhama hu l-kaz odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun <u>wara</u> vettura ohra (irrispettivament minn jekk wahda hix *motorcycle* u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex <u>tiehu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabzet</u>. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f'dan is-sens, izda kien hemm semplicement manuvra min-naha ta' l-attur (u possibilment anke siehbu iehor li kien fuq mutur iehor warajh) <u>"to jump the queue" tal-vetturi li kienu telghin bil-mod it-tela' tax-Xemxija</u> billi joholqu "flow" ta' traffiku <u>parallel ghal dak li kien tiela</u> f'karreggjata wahda li suppost tiehu linja wahda ta' traffiku u mhux tnejn…Din hija prassi, specjalment fejn si tratta ta' *motorcycles*, sfortunatament prevalenti hafna izda li pero` hija wkoll perikoluza hafna."

[4] Pagna 23.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Raymond Azzopardi v. Denise Buhagiar**[5], din il-Qorti, diversament komposta, osservat li:

"*Sewwieqa ta' motorcycles ghandhom jiftakru li proprju minhabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura taghhom, huma* <u>*anqas*</u> *vizibbli minn karozza, u meta joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghaldak li jkun ghaddej minn karreggjata singola ikunu qed jirriskjaw li jahsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik il-karreggjata.*"

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliz, **Brooks v. Burgess**[6], Lord Justice Simon Brown jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"*He was not going fast in the sense that he was going over the speed limit. I found that he was going well under the speed limit of 20 miles an hour. But, nevertheless, it would have behoved him to take extra care at the junction and, indeed, the authority, particularly of Clarke v Winchurch [1969] 1 All.ER 275 at page 277, says this, reading from the judgment of Lord Justice Phillimore: 'If you have a small vehicle like a bicycle or motorcycle, you are in the fortunate position of taking up so little roadspace that you can slide in the offside but if you choose to do this it does seem to me to warrant a very, very high degree of care indeed because you are blinded to a great extent to what goes on on the lefthand side of the road. You must therefore continue to ride or drive in such a way that you can immediately deal with an emergency*.'"

**8.** Fil-kaz in dizamina, sabiex tistabbilixxi min kien responsabbli ghall-incident de quo, l-ewwel Qorti riedet tezamina *inter alia*:

---

[5] Qorti tal-Appell, numru 539 / 1998 deciza fis-16 ta' Dicembru 2004. Ara *nota in calce* nru 3, *supra*.

[6] Brooks v. Burgess [1996] EWCA Civ 820 (29th October, 1996): Imhallfin, Lord Justice Simon Brown u Mr Justice Holman.

i. b'liema velocità kien qed jinsaq il-mutur u l-pozizzjoni tieghu fit-triq;
ii. jekk it-traffiku jew is-serbut tat-traffiku (jekk kien hemm tali serbut) kienx wieqaf jew miexi; u,
iii. b'liema velocità harget il-vettura mit-triq laterali.

**9.** Fl-affidavit tieghu[7], l-appellant qal li kien qieghed isuq wara l-vettura CPC123 li, skond hu, "*gibdet 'l gewwa u jien sibt it-triq vojta quddiemi u dejjem fuq in-naha tieghi tat-triq bqajt ghaddej magenb il-vettura CPC123.*" Fl-istqarrija tieghu *a tempo vergine*, l-appellant hu rrapurtat li qal li "... *he was driving along Xatt ta' Pinto towards Valletta behind car no. CPC 123 and on seeing his front car slowing down and pulling on the left hand side he overtook him and finished up against the other car which was leaving garage styled Miracle Foods. He continued to say that he tought* [recte: thought] *that car no CPC 123 was parking on the side of the road."*[8] Fl-affidavit tieghu Philip Vella, is-sewwieq ta' tal-vettura CPC123, qal li huwa qabel mal-pozizzjoni tal-vetturi kif jidhru fl-iskizz u kkonferma li l-vettura tieghu kienet ghadha dritta u ma kinitx ghadha kisret lejn l-istabbiliment tad-ditta Miracle Foods. Huwa qal li l-mutur ma kienx rah warajh izda rah mal-mera tal-vettura tieghu[9].

**10.** Sfortunatament fl-affidavit tieghu l-appellant ma qalx b'liema velocità saq il-mutur tieghu fil-hin tal-incident. L-ewwel Qorti kienet staqsiet lix-xhud okulari tal-incident, Philip Vella, dwar il-velocità tal-mutur izda hu wiegeb li ma kellux cans jara b'liema velocità kien ghadda minn mieghu l-mutur. Huwa xehed li "*mad-daqqa smajt bhal break tal-mutur jitkaxkar imbaghad il-habta.*"[10]

**11.** Mill-provi, u b'mod partikolari mill-iskizz li jinsab a fol. 13, jirrizulta li l-vettura CPC123 kienet wieqfa u <u>waqfet</u> sewwa sew sabiex taghti d-dritta lill-vettura misjuqa mill-appellat Attard, li ried johrog mill-istabbiliment tal-Miracle

---
[7] Fol. 33 tal-process.
[8] Fol. 11 u a fol. 50 u 51 tal-process.
[9] Fol. 62.
[10] Fol. 62.

Foods, jaqsam ghal gol-karreggjata li tiehu lejn il-Belt u jidhol fil-karreggjata li tiehu fid-direzzjoni opposta lejn il-Marsa. Din vettura ostakolat il-*line of vision* tal-vettura li kienet hierga mit-triq laterali. L-istess jinghad ghal-*line of vision* tas-sewwieq tal-mutur. Dan tal-ahhar mill-pozizzjoni tieghu wara l-vettura u aktar meta ghamel il-manuvra biex jaqbez il-vettura ta' quddiemu ma setax jara l-vettura tal-appellat hierga mit-triq laterali. Ghalhekk, l-appellant kien obligat li jsuq il-mutur bil-mod hafna u b'velocità li jkun kapaci jieqaf f'kaz li tfegg xi vettura minn triq laterali jew xi persuni li jkunu qed jaqsmu t-triq principali minn bejn il-vetturi. Fl-affidavit tieghu huwa qal biss x'haseb li kienet se taghmel il-vettura li waqfet quddiemu u cioè tipparkja: "*He continued to say that he tought* [recte: thought] *that car no CPC 123 was parking on the side of the road.*" Hu ma qal xejn dwar x'velocità kellu, jekk naqqasx il-velocità hu u jaqla' l-vettura ta' quddiemu, jekk anticipax li mit-triq laterali setghux ifeggu xi vetturi li jistghu jimbarrawlu t-triq u, jekk anticipa tali eventwalità, x'prekawzjonijiet ha biex jevita kollizjoni f'kaz li tohroglu vettura mit-triq laterali jew xi persuna tinzerta taqsam it-triq. Izda, mill-provi kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti ma sabet xejn minn dan kollu. L-ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx ma tikkunsidrax li "*il-fatt [li] l-mutur skiddja qabel l-impatt juri li kien proprju r-rikorrent* [l-attur] *li ma kellux il-kontroll sufficjenti tal-vettura.*" F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Domenico Spiteri v. Leading Cook Graham Spencer R.N.**[11], fejn il-Prim Awla tal-Qorti Civili kkunsidrat f'certu dettal il-kwistjoni tal-iskiddjar u ccitat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliz fl-ismijiet **Mc Gowen v. Scott** (1930). Dik il-Qorti Ingliza qalet li: "*A further question is whether*, *once a skid had occurred, the driver did everything that a reasonable, prudent and skilled driver should have done to avoid damage to other users of the highway; and if it be proved that he did not, then it would seem unreasonable that he should be relieved from liability as a result of such failure.*" Fil-kaz in dizamina, is-sewwieq tal-mutur ma ressaq ebda prova dwar x'ghamel biex jevita l-iskidd u l-habta.

[11] Prim Awla tal-Qorti Civili, per Imhallef A. V. Camilleri, tas-16 ta' Ottubru 1957

**12.** Fir-rigward tal-appellant, l-ewwel Qorti, hi u tistrieh fuq il-provi kif prodotti, ma emmnitx lir-rikorrent meta qal li sab it-triq quddiemu vojta. Hija osservat li “*il-vettura CPC 123 kienet ghadha ma gibditx ‘il gewwa lejn ix-xellug u l-mutur mar **wrong side** biex jaghmel is-sorpass.*” Din il-Qorti wkoll ezaminat l-iskizz li jinsab a fol. 13 izda ma taqbilx ghal kollox ma’ din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. Lil din il-Qorti rrizultalha li meta gara l-incident fuq il-bankina tan-naha tax-xellug tat-triq gja kien hemm vetturi parkeggjati u l-vettura CPC123 ghadha qieghda tokkupa nofs il-karreggjata li tiehu lejn il-Belt u kienet vicin hafna tal-linja ta’ nofs it-triq, liema triq tinqasam f’zewg karreggjati, wahda sejra lejn il-Belt Valletta u l-ohra lejn il-Marsa. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ispazju bejn in-naha tal-lemin tal-vettura CPC123 li kienet wieqfa u l-linja ta’ nofs it-triq kien dejjaq ghall-mutur biex jibqa’ ghaddej dritt fid-direzzjoni tal-Belt minghajr ma jmiss mal-linja tan-nofs tat-triq jew jaqbizha. Din il-Qorti fuq il-bazi tal-probabbilità hi tal-fehma li meta l-appellant ghamel il-manuvra tas-sorpass, ghal xi waqtiet jista’ jkun li kien ghadu fil-karreggjata tieghu vicin sew mal-linja tat-triq (ix-xhud Philip Vella qal li ra l-mutur meta gie mal-mera tal-vettura tieghu: “*Jiena rajtu mal-mera mhux mill-mera*”[12]) imma x’hin sab il-vettura tal-appellat hierga ghal nofs it-triq tilef il-kontroll tal-mutur li kien qieghed jinsaq b’velocità mhux indikata ghal tali manuvra f’dawk ic-cirkostanzi, qabez il-linja tat-triq u bl-iskidd dahal fil-karreggjata l-ohra u sab ruhu fil-pozizzjoni li tidher fl-iskizz li jinsab fil-process a fol. 13.

**13.** Meta l-appellat Attard gie biex johrog fit-triq laterali kellu jkun konxju illi seta’ kien hemm vetturi u/jew muturi li jistghu jinzertaw qed jaghmlu sorpass u kellu jiehu l-prekawzzjonijiet kollha mehtiega. Kellu jzomm *a proper lookout*. Kull sewwieq, anzi, ghandu jkun konxju li minn wara vettura tista’ titfacca mhux biss vettura ohra, izda xi haga ferm izghar, bhal mutur jew rota. Kull manuvra biex wiehed jaqsam karreggjata, johrog minn triq laterlai jew addirittura biex wiehed semplicement ibiddel il-karreggjata, ghandha tkun ispirata mill-massima ta’ prudenza: *think once, think twice, think bike*. Issa, fil-kaz

[12] A fol. 62

in dizamina l-vettura CPC123 li kienet wieqfa u li tat lil Attard id-dritta biex johrog mill-entratura in kwistjoni ma holqitlu ebda xkiel jew perikolu dirett jew immedjat - anzi kienet wieqfa certa distanza u ppermettietlu spazju wiesa' biex ikun jista' johrog mill-istabbilitment tad-ditta Miracle Foods. Fix-xiehda li nghatat ma jissemma' xejn jekk fil-karreggjata li tiehu lejn il-Marsa kienx hemm traffiku ghaddej f'dik id-direzzjoni. Lil din il-Qorti ma rrizultalhiex li l-appellat approfitta ruhu u qabad u hareg f'daqqa fl-ewwel karreggjata u kiser f'salt ghal gol-karreggjata l-ohra li tiehu fid-direzzjoni opposta. Jirrizulta li l-appellat hareg meta l-vettura CPC123 waqfet u taghtu d-dritta u waqfu l-vetturi li nzertaw warajha (ghalkemm l-appellant fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu jikkontesta dan il-punt[13]). L-appellat xehed li huwa ra l-mutur meta kien qieghed jaqsam il-karreggjata biex jidhol fl-ohra: "*Mistoqsi meta innutajt il-mutur l-ewwel darba, kif kont hiereg rajt il-mutur u rajtu qieghed jaqghla. B'hekk nghid li kien hemm sensiela ta' karozzi u qaghla minn wara karozza. Meta rajt il-mutur gejt [recte: gej] fil-fatt waqaft. Fit-triq hemm two lanes wiehed naha u wiehed fid-direzzjoni opposta. Kont hrigt u qbizt il-lane tan-naha tieghi qisu b'nofs karozza, jien kont dhalt xi sitt (6) piedi fil-lane tan-naha l-ohra.*"[14] L-appellat qal ukoll li: "*Mistoqsi kemm imxejt minn meta l-ewwel rajt il-mutur sakemm fil-fatt saret il-habta, nghid li jien fil-fatt infxilt malli rajtu u forsi kemm imxejt erba' (4) piedi*." Skond ix-xhud okulari Philip Vella l-impatt sar f'nofs it-triq u mhux kif qal l-appellat li kien lahaq dahal fil-karreggjata l-ohra li tiehu lejn il-Marsa. Philip Vella xehed hekk b'certu enfasi: "*Nghid li ma nahsibx illi van kien qasam nofs it-triq, izda kien ghadu fin-naha tat-traffiku li kien sejjer fid-direzzjoni tal-Belt. Waqt li kien hiereg sab il-mutur u saret il-kollizjoni* "[15] u "*Kien gja f'nofs it-triq meta jien kont qieghed quddiemu. Prova johrog ftit iehor sab il-mutur mieghu"* [16] u "*tal-van kien wasal f'nofs it-triq ezatt*"[17] u "*Il-habta saret f'nofs tat-triq ezatt*."[18] Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu l-appellant sostna li "*gjaladarba l-*

---

[13] Fol. 73.
[14] Fol. 61.
[15] Fol. 62.
[16] Ibid.
[17] Ibid.
[18] A fol. 63.

*konvenut kellu cans josserva x'kien qed jaghmel il-konducent tal-mutur, allura hu kellu zmien sufficjenti sabiex jirregola l-manuvra tieghu, ossia li jibqa' stazzjonarju wieqaf u jistenna li l-mutur jilhaq jghaddi*."[19] Fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tieghu l-appellat wiegeb li "*din ix-xhieda turi b'mod car illi l-esponenti kien altru attent ghal dak illi qieghed jigri madwaru, u kien qieghed jiddedika d-debita attenzjoni u izomm il-proper look out ghal dak illi kien qieghed jaghmel it-traffiku l-iehor fid-dintorni tieghu.*"

**14.** Il-gurisprudenza taghna ttrattat bl-aktar mod dettaljat x'ghandha tkun il-procedura li trid tigi segwita minn utent ta' triq sekondarja waqt li jkun hiereg fi triq principali. Per ezempju, fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet **Mario Spiteri v. Charles Vella**[20], il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat li:

"*Il-principju regolatur f'kazijiet konsimili huwa ormaj ben saldat fil-gurisprudenza li ssostni li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza. Jehtieglu jesplora sewwa t-triq principali, aktar u aktar fejn il-vizwali tieghu tkun ostakolata minn vetturi pparkajati, kif hekk kien il-kaz f'din il-kawza; Il-kazistika inoltre tikkawtela li hu ghandu johrog "inching out" u jassigura li t-triq hi libera*."

F'**John u Tessie konjugi Soler v. Claire Gove` u Fogg Insurance Agencies**[21], l-Qorti qalet li l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza:

"... *fis-sens li s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jghamel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b' mod diligenti it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jghamel din il-manuvra minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda,*

[19] A fol. 74
[20] Prim Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Dicembru 2002, per Imhallef Philip Sciberras
[21] Prim Awla tal-Qorti Civili deciza fl-14 ta' Ottubru 2003, per Imhallef Noel Cuschieri

*jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu u xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane*[22]. *Aktar ma tkun popolari u traffikuza din it-triq akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra. Is-sewwieq tas-side road "ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera"*[23]. *Huwa ghandu "l-obbligu assolut li, x' hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha"*[24]. *"Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m' ghandux jiehu"*[25]. *Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.*[26]

*"Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm a proper look out. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn bonus paterfamilias u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. "Side road user [ghandu] 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli"*

*"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra*

[22] Prim Awla (NC) ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.
[23] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Nazzareno Borg*** - 12 ta' Novembru 1960.
[24] Ibid.
[25] App.Krim. ***Il-Pulizija v. Giuseppe Galdes*** – Vol.XXXVII.IV.1108
[26] Vol.LXXXII.II.473

*kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a reasonable look out, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." Reasonable look out ifisser id-dmir li ssewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar in plain view. "The duty to look implies the duty to see what is in plain view". Konformament mal-premess u b'applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out"..."*

**15.** Fil-kaz in dizamina, l-appellat hareg mill-entratura ghal fuq it-triq principali wara li cedietlu d-dritta l-vetttura CPC123. L-appellat xehed li huwa kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocità ta' bejn l-ghaxar (10) u l-hmistax-il (15) kilometru[27]. Milli jidher mill-provi din il-manuvra kienet wahda kontinwa (jigifieri mit-triq laterali ma kienx hemm *inching out*) u waqaf biss x'hin lemah il-mutur gej lejh. L-appellat jammetti li kien infixel meta ra l-mutur u dan ifisser li ma kienx qed janticipah u bil-fixkla rega' saq il-vettura tieghu madwar "*erba' (4) piedi*" 'il quddiem!

**16.** Wara li din il-Qorti gharblet sew il-provi kollha prodotti fid-dawl tal-principji gurisprudenzjali hawn aktar 'il fuq imsemmija, hi tal-fehma li kemm l- appellant kif ukoll l-appellat huma responsabbli ghall-incident *de quo* u li din ir-responsabbiltà ghandha tinqasam ugwalment bejniethom – (50% - 50%).

**<u>Decide</u>**

**17.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-appell in parte u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata tas-17 ta' April

[27] A fol. 61.

2008 fis-sens li kemm l-appellant Horace Balzan Falzon Wintrup kif ukoll l-appellat Joseph Attard huma responsabbli ghall-incident *de quo* u r-responsabbiltà ghandha tinqasam ugwalment bejniethom – (50% - 50%). In vista ta' dan, din il-Qorti qieghda tirrinvija din il-kawza lill-ewwel Qorti sabiex issir il-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas tad-danni. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellant u mill-appellat indaqs bejniethom; dawk tal-ewwel istanza jibqghu biex jigu decizi fis-sentenza finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------